10 ta' Frar, 1951.
**Imħallef:**
**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**
**Il-Pulizija** *versus* **Maria Caruana**

**Elezzjonijiet — Assistent Kummissjunarju Elettorali — Kalunnja — Interdizzjoni — Art. 23, 31 u 107 (1) tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-element intenzjonali fir-reat ta' kalunnja huwa insitu fix-xjenza tal-falsità; jiġifieri illi ma jistax jingħad li ma jirrikorrix l-element morali meħtieġ għar-reat ta' kalunnja jekk l-imputat kien jaf li l-addebitu minnu magħmul ma kienx veru.*

*Għaldaqstant persuna li tiddenunzja assistent kummissjunarju elettorali billi timputalu li fuq il-karta tal-vot kiteb slaleb minflok numri kif tkun indikatlu dik il-persuna, u din kienet taf li dik l-imputazzjoni ma kienetx vera, ma tistax tallega li ma kienx jirrikorri fiha l-element intenzjonali meħtieġ għad-delitt ta' kalunnja.*

*L-interdizzjoni fil-kriminal hija piena, u hija aċċessorja għall-piena li hija komminata għad-delitt prinċipali. Għaldaqstant, jekk għad-delitt prinċipali l-Qorti tillibera lill-ħati taħt il-proċedimenti ta' art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, ma tistax fl-istess ħin tikkundanna lil dak il-ħati għall-interdizzjoni.*

Il-Qorti, — Fuq ir-rinviju ta' l-Attorney General, li bih bagħat lura l-attijiet tal-kumpilazzjoni biex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tiddeċidi fuq il-ħtija li tista' tinstab taħt dak li hemm maħsub fl-art. 99 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, b'riferenza tar-reat imsemmi fl-art. 63 (1) (b) tal-Kap. 163 u fil-Government Notice 337/40; u fuq l-akkuża tal-Pulizija a fol. 1, ta'li l-imputata fit-3 ta' Settembru 1950, bil-ħsieb li tagħmel ħsara lin-Nutar Anthony Attard u lil Joseph Micallef fil-kapaċità tagħhom ta' Assistenti Kummissjunarji ta' l-Elezzjoni, akkużathom quddiem awtorità kompetenti b'reat meta setgħet tkun taf li kienu innoċenti; il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija

Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tad-9 ta' Novembru 1950, sabet lill-imputata ħatja skond l-akkuża, u in vista tal-kondotta tajba tagħha preċedenti lliberatha taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali; u wara li rat l-art. 107 (1) u 31 ta' l-istess Kodiċi Kriminali, ikkundannat ukoll lill-imputata għall-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll għall-interdizzjoni illi sservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala perit f'kull każ li jkun, għal żmien ħames snin; u ordnat li dik il-parti tas-sentenza għandha tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern għak-kura tar-Reġistratur ta' dik il-Qorti, skond kif irid l-art. 12 (7) tal-Kodiċi Kriminali;

L-imputata appellat kontra dik is-sentenza quddiem din il-Qorti;

*Omissis;*

Mill-provi rriżulta li, wara li marret tivvota fl-Elezzjoni Ġenerali tas-sena l-oħra, l-imputata, minn jeddha u volontarjament, marret għamlet rapport fl-Għassa tal-Pulizija li l-Assistenti Kummissjunarji Elettorali fuq il-karta tal-vot kitbulha slaleb f'lok numri meta vvutat, peress li hi ma kienetx taf tikteb. L-imputata ġiet imwissija serjament, sew mill-Ispettur tal-Pulizija kemm mill-Kummissjunarju Elettorali Dr. John Pullicino, fuq il-gravità ta' dak li kienet qiegħda tirrapporta, u ġie mogħti lilha żmien sal-għada biex taħsibha jekk tmexxix ir-rapport. L-għada reġgħet marret l-Għassa u pprezentat rapport formali bil-miktub, u fih tenniet l-akkuża. Meta nfetħu l-urni u ġew eżaminati l-voti, ebda wieħed ma nstab miktub bi slaleb, u għalhekk kien evidentissimu li ma kienx veru dak li rrappurtat l-imputata, li l-Assistenti Kummissunarji Elettorali, f'lok numri fil-vot tagħha kitbu slaleb. Irriżulta li l-imputata, għalkemm illetterata, in-numri tagħrafhom; u għalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputata setgħet qatt ħadet in-numri bi slaleb, għax barra n-numru 4 in-numri l-oħra xejn ma jixbhu s-slaleb; u għalhekk mhux il-każ li wieħed jaħseb li l-imputata setgħet ħadet żball. U ma ġiex pruvat, anzi lanqas sottomess, li l-imputata tbati b'xi alluċinazzjonijiet. Għaldaqstant huwa ċar li l-imputata għamlet rapport mhux veru, meta kienet taf, u ma setgħetx ma tkunx taf, li ma kienx veru;

Dak ir-rapport k'en jirrigwarda l-kommissioni ta' delitt ta' falsifikazzjoni ta' polza elettorali. Kif irrilevat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-element intenzjonali huwa insitu fix-xjenza tal-falsità. Igħid a propożitu l-Maino :— "L'incolpazione di un reato a persona la quale si sa innocente non può essere che dolosa, non può essere fatta che nel disegno di nuocerle, e nell'intento, che è caratteristico di questo delitto, di far deviare la pubblica giustizia dal retto sentiero, rendendo i magistrati complici inconsapevoli dell'altrui iniquità ed esponendo a pericolo un innocente" (Commento al Codice Penale, Vol. II, no. 1096) ;

Għaldaqstant l-imputata ma tistax serjament issostni li fiha kien jonqos l-element morali tal-kalunnja ;

Fuq il-piena, l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputata taħt iddispożizzjoni ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, wara li sabitha ħatja skond l-akkuża ; imbagħad ikkundannatha għall-interdizzjoni ġenerali taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 107 (1) u 31 ta' l-istess Kodiċi Kriminali ;

L-art. 107 (1) fuq imsemmi jgħid li l-Qorti għandha, meta tikkundanna lill-ħati għad-delitti msemmija f'dan issubtitolu (Sub-Titolu III, Fuq il-Kalunnja, Sperġjur, u Ġurament Falz), tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni ġenerali, ecc. Immela, biex tkun applikata l-interdizzjoni, jeħtieġ li qabel xejn ikun hemm kundanna, u mhux biss dikjarazzjoni ta' ħtija — "conviction". U tabilħaqq. l-interdizzjoni hija piena (art. 7 Kodiċi Kriminali) ; u bħal ma qalet il-Qorti Kriminali fid-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Ottubru 1879, in re "Reġina vs. Domenico Attard", dik il-piena hija aċċessorja għall-piena li għad-delitt hija prinċipalment komminata ;

Iżda, meta l-Ewwel Qorti applikat favur l-imputata l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, ma setgħetx tgħaddi, mingħajr kontradizzjoni, għall-kundanna tal-piena ta' l-interdizzjoni. U tabilħaqq, l-art. 23 fuq imsemmi espressament igħid li "l-Qorti.........., minflok ma tikkundanna minnufih għall-piena, tordna li jiġi liberat..........." ; u għalhekk ma hemmx lok għall-pieni ordinarji. Kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fis-sentenza in re "Police vs. Blanc" tal-5 ta' Diċembru 1936, u fis-sentenza in re "Pulizija vs. Agius" tat-12 ta' Diċembru

1936, l-applikazzjoni ta' l-art. 23 mhix kundanna, għax ma tiġix applikata ebda piena kontra min jinsab ħati. L-art. 31 tal-Kodiċi Kriminali jagħti lill-Qorti l-fakoltà li, meta tilli-bera l-akkużat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23, tapplika l-pieni speċjali stabbiliti fil-Kodiċi jew taħt liġijiet oħra, li ma jkunux il-pieni stabbiliti fl-art. 7 tal-Kodiċi. L-interdizzjoni hija piena stabbilita fl-art. 7, u għalhekk mhix fil-fakoltà tal-Qorti li tapplikaha meta tapplika l-art. 23;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-im-putata rigward id-dikjarazzjoni tal-ħtija u l-applikazzjoni ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, u fuq dak tikkonferma s-sen-tenza appellata; iżda tirrevoka l-parti tas-sentenza rigward l-interdizzjoni u l-publikazzjoni tas-sentenza.